

Brussell, 18 ta' Settembru 2026
(OR. en)

13391/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0283 (NLE)

UK 187
COMPET 1089
IND 553
MI 903
RECH 369
ENV 1099
ENT 228
FOOD 123
SAN 663

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	18 ta' Settembru 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 487 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 487 final.

Mehmuż: COM(2026) 487 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.9.2026
COM(2026) 487 final

2026/0283 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Komitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li temenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor², li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-Ħruġ.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Qafas ta' Windsor

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni u mill-Euratom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020. Fis-27 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern tar-Renju Unit laħqu ftehim politiku fil-prinċipju dwar il-Qafas ta' Windsor. Fl-24 ta' Marzu 2023, il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ adotta l-arranġamenti l-ġodda relatati mal-Qafas ta' Windsor. Iż-żewġ Partijiet qablu li jimplimentaw bis-sħiħ, tempestivament u fedelment il-Qafas ta' Windsor.

2.2. Il-Kumitat Konġunt

Il-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jinkludi rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit. Huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. L-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt. Il-Kumitat Konġunt jiltaqa' mill-anqas darba fis-sena fuq talba jew tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, u jistabbilixxi l-iskeda tal-laqqgħat u l-aġenda tiegħu permezz ta' kunsens reċiproku. F'konformità mal-Artikolu 166(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kumitat Konġunt jadotta d-deċiżjonijiet tiegħu b'kunsens reċiproku.

Il-kompiti tal-Kumitat Konġunt huma stipulati fl-Artikolu 164 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u prinċipalment huma:

- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim direttament jew permezz tal-ħidma tal-kumitati speċjalizzati li jirraportaw lilu;
- l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet, inklużi emendi tal-Ftehim fil-każijiet previsti fih;
- il-prevenzjoni ta' problemi u s-soluzzjoni ta' tilwim li jistgħu jinqalgħu rigward l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-Ftehim.

2.3. L-att previst tal-Kumitat Konġunt

Fil-laqqgħa tiegħu li jmiss, il-Kumitat Konġunt għandu jadotta deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor ("l-att previst").

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 ([ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87](#)).

L-iskop tal-att previst huwa għalhekk li jiżdied att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, skont l-Artikolu 13(4) tiegħu.

L-att previst se jkun vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jipprevedi: *"Id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt għandhom ikunu vinkolanti għall-Unjoni u għar-Renju Unit, u l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jimplimentaw dawk id-deċiżjonijiet. Dawn għandu jkollhom l-istess effett legali bħal dan il-Ftehim."* F'konformità mar-Regola 9 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-Kumitati Speċjalizzati, id-deċiżjonijiet adottati mill-Kumitat Konġunt jispeċifikaw id-data li fiha jidħlu fis-seħħ.

3. IL-POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Anness 2 ("Dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 5(4)" tal-Qafas ta' Windsor

L-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor fih id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni msemmin fl-Artikolu 5(4) tiegħu, jiġifieri d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li għandhom japplikaw ukoll, bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness, għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Fis-26 ta' Novembru 2025, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2025/2455 li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi³.

Ir-Regolament (UE) 2025/2455 jiġbor data dwar is-sustanzi kimiċi minn madwar 70 att tal-Unjoni relatati mas-sustanzi kimiċi u jistabbilixxi Pjattaforma Komuni tad-Data għal dak l-għan. Ir-Regolament fih ukoll qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi u jipprevedi ż-żamma ta' rekord tal-istudji kkummissjonati mill-operaturi ekonomiċi fil-kuntest tal-obbligi tagħhom skont atti rilevanti oħra tal-Unjoni.

Dan l-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat, ħliet għall-Anness I, l-Artikolu 25 u l-punti 1–2, 5–6, 8, 20, 22–23, 27–31, 38, 43–45, 52–53, 59 u 66–67, l-Anness III, il-punti 3, 8, 10, 12, 14, 25, 29 u 32, il-kampijiet tad-data fl-Anness IV relatati ma' dawk il-punti preċedenti elenkati fir-rigward tal-Annessi I u III, u l-Anness V, il-punt 2, huwa relatat mas-suq intern għall-oġġetti u għalhekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor. Għalhekk, bl-eċċezzjoni ta' dak l-Artikolu u dawk il-punti u l-kampijiet tad-data fl-Annessi, għandu jiżdiedu mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor taħt il-punt 23 "Kimiċi u relatat".

Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward taż-żieda tal-att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat imsemmi mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

4. BAŻI LEGALI

4.1. Bażi legali proċedurali

Il-Kumitat Konġunt huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar il-Ħruġ.

³ Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi (ĠU L, 2025/2455, 12.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2455/oj>).

L-att li l-Kumitat Konġunt huwa mitlub jadotta għandu effetti legali, minħabba li se jipproduċi effetti legali skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ għall-Unjoni. L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-Partijiet f'konformità mal-Artikolu 166(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant, il-bażi legali proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi legali sostantiva

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst huma relatati maż-żieda ta' att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.

Il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-Ħruġ kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) TUE.

Għaldaqstant, il-bażi legali sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 50(2) TUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi legali tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 50(2) TUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat Konġunt se jemenda l-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika¹ (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”) ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135².
- (2) Skont l-Artikolu 13(4) tal-Qafas ta' Windsor³, li jiffirma parti integrali mill-Ftehim dwar il-ħruġ, il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim dwar il-ħruġ jista' jadotta deċiżjonijiet biex jemenda l-Annessi rilevanti tal-Qafas ta' Windsor billi jżid atti tal-Unjoni li jkunu għadhom kif ġew adottati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor, iżda li la jemendaw u lanqas jissostitwixxu l-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi tal-Qafas ta' Windsor.
- (3) Il-Kumitat Konġunt, matul il-laqgħa tiegħu li jmiss, huwa skedat li jadotta deċiżjoni li żżid att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ huwa att tal-Unjoni li għadu kif ġie adottat li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Qafas ta' Windsor li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor. Madankollu, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (UE) 2025/2455 ma jiżdidux mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor: l-Artikolu 25; il-punti 1–2, 5–6, 8, 20, 22–23, 27–31, 38, 43–45, 52–53, 59 u 66–67 tal-Anness I; il-punti 3, 8, 10, 12, 14, 25, 29 u 32 tal-Anness

¹ ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/withd_2020/sign.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 29, 31.1.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2020/135/oj>).

³ Id-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87).

⁴ Ir-Regolament (UE) 2025/2455 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2025 li jistabbilixxi pjattaforma komuni tad-data dwar is-sustanzi kimiċi, li jistabbilixxi regoli biex jiġi żgurat li d-data li tinsab fiha tkun traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli u li jistabbilixxi qafas ta' monitoraġġ u prospettiva għas-sustanzi kimiċi (ĠU L, 2025/2455, 12.12.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2455/oj>).

III; il-kampijiet tad-data fl-Anness IV relatati ma' daww il-punti preċedenti elenkati fir-rigward tal-Annessi I u III; u l-punt 2 tal-Anness V għar-Regolament (UE) 2025/2455.

- (5) Id-deċiżjoni prevista tal-Kumitat Konġunt, jekk tiġi adottata, se tipproduċi effetti legali għall-Unjoni. Sabiex id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2025/2455 japplikaw għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2025/2455 jiżdied mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor, f'konformità mal-Artikolu 13(4) tiegħu.
- (6) Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fi ħdan il-Kumitat Konġunt fir-rigward taż-żieda tar-Regolament (UE) 2025/2455 mal-Anness 2 tal-Qafas ta' Windsor,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 164(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Kumitat Konġunt”) għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Jista' jintlaħaq qbil dwar bidliet tekniċi żgħar fil-pożizzjoni stabbilita fl-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President